MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Numru. 408/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa’**

**vs**

**Adrian Montanaro**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Adrian Montanaro ta’ 30 sena, bin Henry u Josephine nee’ Galea, imwieled Pieta’ fl-20 ta’ Gunju 1976, residenti f’ 89, Triq San Xmun, Bugibba u detentur tal-karta tal-identita’ numru 308476 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’dawn il-Gzejjer, f’ A-Check Garage fi Triq tas-Sriedaq, Mosta, fit-3 ta’ Marzu 2007 u fix-xhur ta’ qabel, b’ diversi

atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dizpozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f' att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b' falsifikazzjoni jew b' tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dizpozizzjoni, obbligi jew helsien minn obbligi f' dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew infurmati, inkella billi zied jew biddel il-klawzoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe certifikati tal-VRT foloz ;

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, minhabba l-kariga jew impjieg taghhom, filwaqt li kien fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, u cioe certifikati tal-VRT foloz ;

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli, u cioe certifikati tal-VRT foloz ;

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f' xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, u cioe certifikati tal-VRT foloz.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 3 ta’ Mejju 2007 (esebit a fol. 18 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-20 ta’ Lulju 2007 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi u hadet konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat :

Illi f’dawn il-proceduri l-imputat jinsab addebitat b’imputazzjonijiet ta’ falsifikazzjoni fejn qed jigi ipotizzat kemm il-falz materjali kif ukoll il-falz ideologiku ai termini tal-Artikoli 183, 185(2) u 187. Huwa qed jigi wkoll addebitat bl-imptuazzjoni li ghamel dikjarazzjoni falza lil Awtorita’ Pubblika u cioe’ ir-reat kontemplat fl-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali. Il-fatti ta’ dan il-kaz fil-qosor huma dawn li gejjin. L-imputat huwa operatur u tester ta’ VRT station bl-isem ta’ A-Check Garage li jinsab fi Triq tas-Sriedaq il-Mosta. Fl-ahhar tas-sena 2006 u fil-bidu tas-sena 2007 il-Pulizija Ezekuttiva rceviet zewg rapporti maghmula minn individwi li allegaw li l-imputat Adrian Montanaro kien hareg certifikati tal-VRT fejn gie dikjarat li l-vettura taghhom kienet ghaddiet mit-test tal-VRT meta fil-fatt il-vetturi relattivi qatt ma kienu ttiehdu ghat-test. L-ewwel rapport li sar u cioe’ dak tal-24 ta’ Novembru 2006 sar minn Carmel Mangion fejn dan spjega lil Pulizija Ezekuttiva li huwa kellu vettura bin-numru tar-regsitrazzjoni GAJ 078 li kien biegh lil terza persuna li ma hallsux u qal li sakemm kienet ghandu din il-vettura qatt ma tellaghha ghal VRT test. Huwa kien qal li kien jiehu l-log book relattiv ghand certu Louis Bonello sabiex tigi rinnovata l-polza ta’ assikurazzjoni relattiva u dan kien

jiehu hsieb ukoll li jinhareg certifkat tal-VRT. Minn investigazzjonijiet li ghamlet il-Pulizija rrizulta li wiehed mic-certifkati li kien inhareg rigward din il-vettura kien inhareg fit-30 ta' Lulju 2003 minn A-Check Garage u kellu n-numru AA398803 u ricevuta numru R0291370. Mill-provi rrizulta li ttiehdu proceduri kriminali kemm fil-konfronti tal-persuna li ghamel dan ir-rapport u cioe' Carmel Mangion u anki fl-konfronti tal-imsemmi Louis Bonello fejn dawn ammettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom. It-tieni rapport maghmul lill-Pulizija sar fit-12 ta' Marzu 2007 minn certu Anthony Saliba fejn dan allega li huwa kien partat vettura tal-ghamla Skoda Favorit ma' vettura tal-ghamla Peugeot 205 bin-numru tar-registrazzjoni HAS 297 u dan in-negozju ta' tpartit sar ma' certu Matthew Micallef ghalkemm din l-ahhar vettura fil-fatt kienet tappartjeni lil missier Matthew Micallef, u cioe' Philip Micallef u kien ghadda s-somma ta' Lm500 akkont tal-prezz ta' din il-vettura lill-istess Matthew Micallef. Dan Saliba kien qal lil Pulizija li huwa kien ha l-vettura HAS 297 sabiex isirilha VRT test ghand l-Express Trailers izda l-vettura m'ghadditx mit-test. Huwa kien ghalhekk informa lil Matthew Micallef dwar dan u dan tal-ahhar qallu sabiex ihalli kollox f'idejh u fit-2 ta' Marzu 2007 Micallef kien ghaddielu certifikat tal-VRT mahrug minn A-Check Garage li kien iffirmat minn certu 'Adrian' u li kien jindika li l-vettura kienet ghaddiet mit-test tal-VRT u fejn Micallef talbu jhallsu Lm25 ghal dan it-test. Anthony Saliba spjega li dan ic-certifkat inhareg minghajr ma' l-vettura relattiva ttiehdet ghand l-A-Check Garage ghat-test u dan ghaliex fil-gurnata in kwistjoni il-vettura kienet fil-garaxx tieghu f'Haz-Zebbug u huwa kien mar ix-xoghol u ha c-cwievet tal-vettura mieghu. Anthony Saliba qal li huwa cempel lil A-Check Garage u qal lil proprjetarju tal-garaxx li ma' kienx kuntent b'din is-sitwazzjoni ghaliex il-vettura qatt ma kienet itellghat sabiex isirilha it-test. Anthony Saliba kompla jghid lil Pulizija li l-ghada li nhareg dan l-ewwel certifikat, u cioe' fit-3 ta' Marzu 2007, Matthew Micallef akkompanjat minn terza persuna, li mill-provi rrizulta li kien certu Carmelo Cuschieri, marru fir-residenza tieghu f'Haz-Zebbug u hadulu l-vettura. Anthony Saliba qal ukoll li c-certifikat tal-VRT mghoddi lilu minn Matthew Micallef kien insteraqlu mill-vettura tieghu bin-numru tar-

regsitrazzjoni VIK 437. Anthony Saliba ikkonferma dan kollu meta xehed viva voce quddiem din il-Qorti waqt l-udjenza tal-1 ta’ Novembru 2007.

Mill-provi rrizulta wkoll li fis-6 ta’ Marzu 2007 l-imputat bhala l-proprjetarju tal-A-Check Garage kien talab lil Awtorita’ Dwar it-Trasport permezz ta’ email [1] sabiex jigu kancellalti zewg certifkati tal-VRT li saru fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAS 197, wiehed minnhom dak datat 2 ta’ Marzu 2007, li saret referenza ghalih aktar il-fuq u li kien indika Anthony Saliba[2], fejn kien gie dikjarat li l-vettura kienet road worthy  u li ghaddiet mit-test u certifkat iehor datat 3 ta’ Marzu 2007 fejn kien gie indikat li l-istess vettura ma kinitx ghaddiet mit-test.  L-Awtorita’ Dwar it-Trasport kienet laqghet din it-talba maghmula mill-imputat u fil-fatt gew kancellati z-zewg certifkati. Mill-provi rrizulta li fiz-zmien li saret tali talba l-Awtorita’ Dwar it-Trasport ma kinitx titlob raguni ghall-kancellament ta’ certifkat maghmula minn VRT operator izda wara dan il-kaz bdiet tintalab raguni.  Mill-provi rrizulta wkoll li ttiehdu proceduri kemm fil-konfronti ta’ Matthew Micallef kif ukoll fil-konfronti ta’ Carmelo Cuschieri in konnessjoni ma’ dan ir-rapport maghmul minn Anthony Saliba fejn it-tnejn ammettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tagghom. Kemm Carmelo Cuschieri kif ukoll Matthew Micallef it-tnejn ittellghu jixhdu f’dawn il-proceduri.  Carmelo Cuschieri fil-fatt tela’ jixhed fi tlett okkazzjonijiet[3] fejn huwa sostna li kien tella’ l-vettura HAS 297 ghall-VRT test ghand l-A-Check Garage u dan anki wara li ingibditlu l-attenzjoni li fi proceduri ohrajn huwa kien xehed li ma kienx tella’ l-vettura ghat-test u li huwa kien ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu fil-proceduri li kienu ttiehdu in konnessjoni mal-hrug tac-certifikat tal-VRT test relattiv. Huwa baqa’ jsostni dan anki wara li gie ddikjarat bhal xhud ostili. Matthew Micallef xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-19 ta’ Gunju 2009 fejn wara hafna tlaqliq u riluttanza qal li huwa kien ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu dwar hrug ta’ certifikat

[1] Kopja inserita a fol. 31 u 32 tal-atti processwali.
[2] Kopja tal-imsemmi certifikat tinsab inserit a a fol. 25 tal-atti processwali.
[3] Ara traskrizzjonijiet tax-xhieda relattivi nseriti a  fol. 51 sa 52, a fol. 92 sa 94 u a fol. 124 sa 125.

tal-VRT meta l-vettura fil-fatt ma kinitx ittellghat ghall-VRT u qal li huwa kien ta l-log book tal-imsemmija vettura lil Carmelo Cuschieri sabiex dan jiehu hsieb jotjeni cetifikat tal-VRT. Dan ix-xhud spjega li wara li huwa kien ghadda c-certifikat tal-VRT lil Anthony Saliba dan tal-ahhar qallu li l-vettura ma ridiex u ghalhekk huwa flimkien ma’ Carmelo Cuschieri kienu hadu l-vettura minghand Saliba u marru biha ghand l-imputat fejn dan wara li ezamina l-vettura hareg certifikat li l-vettura ma kinitx ghaddiet mit-test. Dan ix-xhud qal li sett wiehed ta’ cwievet tal-vettura kien hemm u dawn kienu ghand Anthony Saliba. Huwa qal li ma jafx jekk Saliba kienx ghadda c-cwievet lil Cuschieri sabiex il-vettura tittella ghat-test u qal ukoll li fil-hin li suppost il-vettura ittellghat ghat-test huwa kien l-iskola.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f’dawn il-proceduri izda fil-kors tal-investigazzjonijiet kien irrilaxxja tlett stqarrijiet [4] fejn kemm in kwnatu ghar-rapport maghmul minn Carmel Mangion kif ukoll in kwantu ghar-rapport maghmul minn Anthony Saliba huwa nnega li l-vetturi rispettivi ma kienux ittellghu ghat-test meta nhareg ic-certifikat relattiv. In kwantu jirrigwarda c-certifkat tal-VRT minnu rilaxxjat fit-3 ta’ Marzu 2007 fejn il-vettura HAS 297 giet indikata li m’ghadditx mit-test meta gurnata qabel kien inhareg certifikat iehor minnu stess li kien jindika li l-istess vettura kienet ghaddiet mit-test l-imputat qal li huwa kien hareg it-tieni certifikat ghaliex Anthony Saliba li ma riedx jixtri l-vettura minghand Micallef kien mar jheddu sabiex johrog dan ic-certifkat. Huwa qal li ma kien ghamel l-ebda rapport lil Pulizija dwar dan it-theddid.

Ikkunsidat:

Illi kif intqal aktar il-fuq l-imputat jinsab addebitat b’akkuzi rigwardanti falsifikazzjoni u dikjarazzjoni falza lil Awtorita’ Pubblika. Il-Qorti tibda sabiex tghid li taqbel ma’ dak sottomess mid-Difiza li l-fatti ta’ dan il-kaz jinkwadraw ruhhom biss fir-reat ta’ falsifikazzjoni kontemplat fl-Artikolu

---

[4] Inseriti a fol. 20 sa 24 u a fol. 26 sa 27.

185 (2) u cioe' l-falz ideologiku u mhux fir-reati l-ohra ta' falsifikazzjoni kontemplati fl-Artikoli 183 u 187(1), u cioe' l-falz materjali. Minn imkien mill-provi fil-fatt ma rrizulta li l-imputat biddel jew b'xi mod immodifika xi dokument rilaxxjat minn terzi jew li ghamel xi tibdil f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali. Il-Qorti taqbel ukoll ma' dak sottomess mid-Difiza li l-imputazzjonijiet in kwantu jirrigwardaw ir-rapport maghmul minn Carmel Mangion bl-ebda mod ma rrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-ligi. Ghalkemm f'dawn il-proceduri telghu jixhdu kemm Carmel Mangion[5] kif ukolll Louis Bonello[6] hadd minnhom ma' ndika li l-imputat kien hareg certifkat tal-VRT meta l-vettura ma kinitx ittellghat ghat-test. Irid jigi rilevat inoltre li l-allegat certifikat mahrug mill-imputat rigwardanti l-vettura ta' Mangion qatt ma gie esebit f'dawn il-proceduri. L-imputat ghalhekk in kwantu l-imputazzjonijiet huma riferibbli ghall-kaz tal-vettura ta' Carmel Mangion ma jistghax jinstab hati. Il-Qorti izda jidrilha li l-istess haga ma tistghax tinghad in kwantu l-imputazzjoni ta' falsifikazzjoni ai termini tal-Artikolu 185(2) hija riferibbli ghar-rapport li sar min Anthony Saliba. Il-Qorti jidrilha li mix-xhieda ta' dan Anthony Saliba kif ukoll mix-xhieda ta' Matthew Micallef jirrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAS 297 ma kinitx ittellghat ghat-test fit-2 ta' Marzu 2007 meta l-imputat hareg certifikat li din il-vettura kienet ghaddiet mit-test. L-imputat prova jattakka l-kredibilta' ta' dan ix-xhud billi talab lil-Prosekuzzjoni tesebixxi l-fedina penali tieghu[7] minn fejn jirrizulta li huwa ghandu fedina penali mhux nadifa fejn huwa anki nstab hati ta' theddid lejn terzi. Il-Qorti izda ma kellha l-ebda raguni il-ghala tiddubita mill-kredibilta' ta' Anthony Saliba in kwantu jirrigwarda dak li xehed fil-proceduri odjerni u irid jigi puntwalizzat li bniedem li m'ghandux fedina penali nadifa ma jfissirx li qatt ma jista' jitwemmen meta jxhed f'xi proceduri quddiem il-Qorti jew meta jaghmel rapport lil Pulizija. Il-Qorti inoltre tirrileva li dak li qal Anthony Saliba gie korroborat, ghalkemm b'hafna tlaqliq u riluttanza minn Matthew Micallef. Il-Qorti min-naha l-ohra jidrilha li ma tistghax temmen dak li qal l-

[5] Li xehed waqt l-udjenza tal-11 ta' Jannar 2008.
[6] Li xehed waqt l-udjenza tat-2 t'Ottubru 2008.
[7] Inserita a fol. 152 et sequitur.

imputat fl-istqarrija minnu rilaxxjata fejn sostna li c-certifkat tat-3 ta’ Marzu 2007 kien hargu ghaliex kien gie mhedded minn Saliba. Li kieku ghall-grazzja tal-argument wiehed kellu jemmen din it-tezi maghmula mill-imputat kien jaghmel hafna aktar sens li huwa jitlob lil Awtorita’ Dwar it-Trasport tikkancella l-ewwel certifkat, u cioe’ dak mahrug fit-2 ta’ Marzu 2007 minflok johrog certifkat iehor l-ghada li nhareg l-ewwel certifikat u jindika li l-vettura ma’ kinitx ghaddiet mit-test, aktar u aktar meta mill-provi rrizulta li dak iz-zmien l-Awtorita’ tat-Trasport ma’ kinitx titlob raguni minghand l-operaturi tal-VRT stations meta huma kienu jitolbu li jigi kancellat certifkat. Il-fatt li wara ftit granet li nhargu z-zewg certifikati l-imputat talab li dawn it-tnejn jigu kancellati jikkorrobora l-verzjoni moghtija minn Saliba. Li kieku l-imputat verament gie mhedded minn Saliba huwa seta’ facilment jitlob il-kancellament tac-certifikat mahrug fit-3 ta’ Marzu 2007 minflok jerga’ johrog certifikat iehor l-ghada li l-vettura ma kinitx ghaddiet mit-test.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li t-tieni imputazzjoni in kwantu din hija riferibbli ghar-rapport maghmul minn Anthony Saliba tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi u l-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati taghha. Il-Qorti jidrilha li r-raba’ imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghat-tieni imputazzjoni li taghha l-imputat qed jinstab hati u l-Qorti sejra ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta izda kkunsidrat ukoll il-konsegwenzi gravi tal-hrug ta’ certifikati tal-VRT foloz fejn vetturi jigu certifkati bhala li jkunu tajbin ghat-triq meta dan ma jkunx il-kaz u fejn ghalhekk dawn l-vetturi jkomplu jintuzaw fit-triq bil-possibilta’ li jigu kagunati incidenti stradali li jista’ jkollhom konsegwenzi serji, u jidrilha li fic-cirkostanzi ghandha timponi piena karcerarja sospiza izda li ghandha wkoll tapplika l-Artikolu 30 tal-Kodici Kriminali u tordna li l-imputat jigi skwalifikat milli jzomm jew jotjeni

licenzja ta’ operatur ta’ VRT testing mahruga mill-Awtorita’ Dwar it-Trasport.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18 u 185(2) tal-Kodici Kriminali l-Qorti tiddikjara lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu izda kif intqal aktar il’fuq limitatament in kwantu din l-imputazzjoni hija riferibbli ghall-hrug tac-certifikati rigwardanti l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAS 297 u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ tlett (3) snin millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet. Stante li r-raba’ imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghat-tieni imputazzjoni li taghha l-imputat instab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 30 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna li l-imputat Adrian Motanaro jigi skwalifikat milli jzomm jew jotjeni licenzja ta’ operatur jew tester tal-VRT jew ta’ VRT station mahruga mill-Awtorita’ Dwar it-Trasport jew minn kwalunkwe Awtorita’ ohra li jkollha l-poter skond il-ligi li tohrog l-imsemmija licenzji u dan ghall-perijodu ta’ sentejn (2) millum.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata immedjatament lid-Direttur tal-Awtorita’ Dwar it-Trasport.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------